31989D0691

30.12.1989 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 400/11

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tal-21 ta' Diċembru 1989 li tikkonċerna l-konklużjoni ta' Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda fuq is-sistemi ta' l-iskambju ta' data elettronika dwar il-kummerċ

(89/691/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 235 mi fih,

Wara li kunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]);

Wara li kunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi bid-Deċiżjoni 87/499/KEE ([4]) il-Kunsill adotta programm Komunitarju dwar in-*network* tal-komunikazzjonijiet fuq is-sistemi ta' l-iskambju ta' data elettronika dwar il-kummerċ (*Tedis*);

Billi bid-Deċiżjoni 89/241/KEE ([5]) il-Kunsill emenda l-imsemmija Deċiżjoni biex jawtorizza ditti f'pajjiżi li m'humiex membri li magħhom il-Komunità ikkonkludiet ftehim li jassoċjaw dawn il-pajjiżi mal-programm *Tedis* biex jieħdu sehem f'dak il-programm;

Billi, b'dik id-Deċiżjoni 89/241/KEE, il-Kunsill awtorizza wkoll lill-Kummissjoni biex jinnegozjaw dawn il-ftehim mal-membri ta' l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles;

Billi l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda fuq is-sistemi ta' l-iskambju ta' data elettronika dwar il-kummerċ għandu jkun hawnhekk approvat,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda fuq is-sistemi ta' l-iskambju ta' data elettronika dwar il-kummerċ hi hawnhekk approvata f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti, f'isem il-Komunità, in-notifika msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan il-Ftehim.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1989.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. CRESSON

---

([1]) ĠU C 285, tal-11.11.1989, p. 6.
([2]) Opinjoni mogħtija fil-15 ta' Diċembru 1989 (għadha m'hiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) Opinjoni mogħtija fid-19 ta' Diċembru 1989 (għadha m'hiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 285, tat-8.8.1987, p. 35.
([5]) ĠU L 97, tal-11.11.1989, p. 46.